5 ta' Ottubru, 1954

Imħallef:
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Giuseppe Caruana ne. *versus* Paolo Borg

**Preskrizzjoni — Ġurament — Art. 2265 (1) tal-Kodiċi Ċivili.**

***Taħt ir-reġim tal-liġi tagħna, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni brevi tista' tiġi sollevata f'effett anki meta tiġi mpunjata l-eżistenza ta' l-obligazzjoni, u ma tiġix sempliċement eċċepita l-estinzjoni tagħ-***

*ha. Għax il-ġurament li jiġi deferit lill-pretiż debitur jikkomprendi tant il-mankanza assoluta ta' l-obligazzjoni kemm l-estinsjoni tagħha.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu s-somma ta' £19. 12. 1, prezz ta' smida u qarabeċċ lill-istess konvenut mibjugħa u konsenjati mis-soċjetà attriċi; bl-imgħax kummerċjali u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra, fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, wara li semgħet id-difensuri;

Illi, waqt it-trattazzjoni ta' dina l-eċċezzjoni, id-difensur ta' l-attur nomine rrileva illi, peress li l-konvenut eċċepixxa l-ineżistenza assoluta tal-kreditu, meta qal li qatt ma ordna l-merċi fuq indikata, huwa ma jistax jeċċepixxi l-preskrizzjoni, għaliex l-eċċezzjoni ta' l-ineżistenza tal-kreditu hija inkompatibili ma' l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni brevi, u kwindi timpedixxi li wieħed jista' fl-istess ħin jeċċepixxi dik il-preskrizzjoni;

Illi huwa veru li f'xi sentenzi tal-Qrati Tagħna — Prim'Awla "Francalanza vs. Huber", 30 ta' Mejju 1919; "Farrugia vs. Vincenti", 30 ta' Ġunju 1925 (Kollez. XXVI—I—151); "Sacco vs. Mazzone", 7 ta' Ġunju 1927; u Qorti ta' l-Appell (każ ta' appell inferjuri) "Dr. Caruana vs. Spiteri" 7 ta' Jannar 1939 (Kollez. Vol. XXX, P. I, Sez. III, p. 961)— ġie ritenut illi l-eċċezzjoni ta' l-ineżistenza tal-kreditu timpedixxi li tista' tiġi fl-istess ħin eċċepita l-preskrizzjoni, però hemm ħafna sentenzi oħra fejn ġie ritenut il-kuntrarju, jiġifieri illi, taħt ir-reġim tagħna, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni brevi tista' tiġi sollevata b'effett anki meta tiġi impunjata l-eżistenza tagħha; u din il-ġurisprudenza hi ritenuta aktar fondata fuq il-liġi tagħna. Is-sentenzi l-oħra rritenew dak li hu ritenut fid-dottrina kontinentali; imma aħna ma nistgħux insegwu dik id-dottrina, għaliex il-liġi tagħna hija dissimili mill-liġi franċiża u taljana, billi, fil-waqt li dawk il-liġijiet jikkontemplaw il-każ ta' estinzjoni tad-debitu, il-liġi tagħna tikkontempla tant il-każ ta' l-estinzjoni kemm il-każ ta' l-ineżistenza ta' l-obligazzjoni, kif jidher mill-formola tal-ġurament li jiġi deferit lill-pretiżi debituri—"li ma humiex debituri" jew "li ma jif-

takrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa" (art. 2265 (1) Kodiċi Ċivili);

L-ewwel parti tal-ġurament tikkomprendi tant il-mankanza assoluta, kemm l-estinzjoni ta' l-obligazzjoni; it-tieni tissupponi l-obligazzjoni, u tpoġġi in kwistjoni biss l-estinzjoni tagħha. Ma jistax ikun hemm dubju li l-ewwel parti tal-ġurament għandha s-sinifikat riferit; għaliex, kif ingħad fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Marzu 1885, *in re* "P.L. Pace Bonello vs. Bugeja Caruana" (Kollez. Vol. X, paġ. 775, 2da colonna), "è il significato naturale delle parole '*non essere debitore*'; e se si fosse intesa significare soltanto mancanza di debito per estinzione di una obbligazione ammessa, quasi che la prima parte di quella formola fosse per un debitore sicuro di aver pagato, e la seconda per uno il quale non ne avesse una chiara ricordanza, questa intenzione sarebbe stata espressa con le parole che hanno direttamente e naturalmente quel significato, esigendo che il convenuto giurasse di non aver pagato o di non ricordarsi di non avere pagato". U tenut kont ta' l-oriġini storika ta' l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, traċċjata fl-imsemmija sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, jidher ċar—u dan ġie rilevat ukoll fis-sentenza ta' l-istess Qorti tal-1 ta' Ġunju 1931 in re "Zahra vs. Zerafa" (Kollez. XXVIII, p. 93)—illi l-idea tal-leġislatur, meta biddel dak li kien hemm dispost fil-Kodiċi Muniċipali, kienet preċiżament dik li jiddiskosta ruħu mill-ġurisprudenza antika u mill-Kodiċi Franċiż, u jagħti latitudini akbar lid-debitur li jopponi l-preskrizzjoni;

Fl-istess sentenza jingħad ukoll illi l-interpretazzjoni stabbilita fil-preċitata sentenza fil-kawża "P.L. Pace Bonello vs. Bugeja Caruana", ġiet kostantement segwita mill-ġudikati l-oħra (Kollez. Vol. XXI, I, paġ. 200, "Dr. Portelli Carbone vs. Barbara"; Kollez. Vol. XV, paġ. 231, P.A. "Vella vs. Pace"; Kollez. Vol. XXI, paġ. 68, Kummerċ "Sammut vs. Ellul"); u biss mill-1919 'il hawn deħru sentenzi f'sens kuntrarju. Però, l-istess Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Mejju 1925, fil-kawża "Dr. Caruana Mamo vs. Ciantar" (Kollez XXVI, P. I, Sez. III, paġ. 255), irripristinat il-ġurisprudenza antika, li, kif ġà ngħad, hija ritenuta aktar ton-

data fuq il-liġi taghna. Dik il-ġurisprudenza baqghet segwita anki-wara (Kollez. Vol. XXXI—II—1, u Vol. XXXI—I—690), ad eċċezzjoni tal-preċitata sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) u ta' sentenza reċenti tal-Prim'Awla;

Illi, ritenuta kwindi ammissibili anki fil-każ preżenti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, li hija dik ta' tmintax il-xahar, l-istess ghandha tiġi milqugha, peress li dak iż-żmien ghadda u ma tirriżultax interruzzjoni, u lanqas rikonjizzjoni tad-debitu da parti tal-konvenut; u dana, meta ġie lilu moghti l-ġurament, halef li mhux debitur;

Ghall-motivi premessi;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u kwindi tiċhad it-talba; bl-ispejjeż.